bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

MAĠISTRAT ANTONIO MIZZI

Il-Pulizija
(Sp David Saliba)
vs
Joseph Camilleri, iben
Paul, imwieled Pieta'
fl-1 ta' frar, 1972

Illum, 17 ta' jannar, 2001

Il-Qorti,
Rat iċ-ċitazzjoni kontra l-imputat -
1. talli fil-Floriana, fl-4 ta' ottubru, 2000 għal ħabta tat-3.00 a.m. ikkometta serq ta' somma ta' flus u cioe' madwar Lm200 fi flus kontanti kif ukoll radio cassette tal-gHamla Toyota minn ġewwa karozza tal-għamla Fiat, bin-numru tar-reġistrazzjoni IAA 992, li jiswa aktar minn Lm10 iżda anqas minn Lm50 għad-dannu ta' Susan u Julian Friggieri jew terżi persuni liema serq hu aggravat bil-mezz, bil-ħin, bil-valur u bix-xorta tal-ħaġa misruqa;
2. talli l-imsemmi Joseph Camilleri hu reċidiv b'diversi sentenżi li huma definittivi u li ma jistgħux jiġu mibdula.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali eżebita fis-seduta tas-17 ta' novembru, 2000 fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi tratttat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tas-17 ta' jannar, 2001 fejn l-imputat ammetta l-akkuża għal dak li jirrigwarda s-serq tar-radio cassette iżda jiċħad li hu seraq xi flus kontanti.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tas-serq ta' Lm200 minħabba konflitt fil-provi. Issib lill-imputat ħati tal-akkużi l-oħra kollha. Rat l-artikoli 261(b)(ċ)(f)(g), 263, 264, 267, 270, 271(g), 278(1)(2)(3), 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal ħlas ta' multa ta' mitt liri maltin (Lm100).